MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 112/2008

**GO p.l.c (C 22334)**

**-vs-**

**Bonavia Brothers Company Limited (C 16453) u Emmanuel Bonavia (I.D. 17663M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjetà attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' sitt mija u disgha u hamsin euro u tnejn u erbghin centezmu (€659.42) – (Lm283.09) in konnessjoni ma hsarat ikkagunati lill-infrastruttura tas-socjetà attrici fi Triq Thornton kantuniera ma' Triq Locker, Tas-Sliema, f'Jannar 2007 u dan skond fattura bir-referenza MC03545 datata 20 ta' Marzu, 2007 (file relattiv GT3/2007/04). Illi interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-

subizzjoni. Illi ghalhekk is-socjetà attrici talbet li l-konvenuti jigu ddikjarati responsabbli ghall-hsarat ikkawzati, jigu kkundannati jhallsu l-ammont fuq imsemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mit-22 t'Ottubru, 2007 komprizi wkoll l-ispejjez ta' ittra ufficjali bir-referenza 5961/07.

Ra r-risposta tal-konvenuti li biha wiegbu illi preliminarjament Emmanuel Bonavia mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti Bonavia Brothers Company Limited u anke Emmanuel Bonavia ma kkawzaw l-ebda danni lis-socjetà attrici, liema danni gew ikkawzati bi traskuragni u negligenza tal-istess socjetà attrici.

Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa wiehed ezagerat u mhux gustifikat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici.

Sema' x-xhieda ta' PS 1268 Ivan Caruana, Joe Cilia, Joseph Agius u Emmanuel Bonavia.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Keith Grech ghas-socjetà attrici u Dr Beppe Fenech Adami ghall-konvenuti.

**Ikkonsidra**

Illi l-kumpanija konvenuta tramite l-konvenut Emmanuel Bonavia kienet inkarigata biex tiddemolixxi fond li jinsab f'Locker Street kantuniera ma' Thornton Street Tas-Sliema. Ma' dan il-bini kien hemm cables tat-telefon imwahhli u ghalhekk saret talba mas-socjetà attrici biex dawn jinqalghu minn hemmhekk halli l-bini jkun jista' jitwaqqa. Is-socjetà attrici qalet dan il-cables u rabtithom ma' arblu li kien f'inqas minn metru 'l boghod mill-bini in kwistjoni. Wara li gara hekk beda x-xoghol ta' demolizzjoni. Ix-xoghol ta' demolizzjoni kien qed isir mill-

kumpanija konvenuta izda kien il-konvenut personalment li kien qed jahdem bil-gaffa. Fil-kors ta' dan it-twaqqiegh, parti mill-bini waqa' u kantun jew aktar minn kantun laqghat uhud mill-cables tas-socjetà attrici u dawn inqatghu u b'hekk grat il-hsara mertu tal-kawza odjerna. L-incident gie rapportat lill-pulizija li marru fuq il-post u tkellmu mal-konvenut Bonavia u l-konvenut Bonavia ammetta r-responsabbilta' u ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens liema dikjarazzjoni tinsab esebita a fol 27 tal-process fejn intqal hekk:

"To whom it may concern that I Emmanuel Bonavia ID 17663M declare that I am ready to make good for the damages caused to the Maltacom cable which was damaged during the demolition works at Locker Street Sliema. Today the 23/1/07."

Din giet iffirmata minnu fil-presenza ta' PS 1102 R Evarist u PS 1268 I Caruana.

Il-konvenut da parti tieghu jammetti li ffirma din id-dikjarazzjoni izda hu jghid li ghamel hekk ghaliex kieku ma accettax li jaghmel hekk ma kienx jithalla jkompli bix-xoghol. Il-bini fl-istat li kien, kien fi stat perikoluz u ghalhekk bilfors kellu jkompli.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi huwa evidentissimu f'dan il-kaz illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni kkawzati. Qabel ma bdew ix-xoghol kellhom jaccertaw illi huma jistghu jaghmlu x-xoghol minghajr ma jikkawzaw hsara lill-haddiehor u jekk huma dehrilhom illi l-cables, minkejja li nqalghu mill-bini u ntrabtu ma' arblu, xorta wahda kienu vicin wisq, kellhom obbligu li jergghu jilmentaw mas-socjetà attrici biex jiehdu passi rimedjali ulterjuri. Dan ma sarx u minflok il-konvenuti qabdu u baqghu ghaddejjin bix-xoghol minkejja li kienu jafu bil-presenza tal-arblu bil-cables marbutin mieghu. Il-konvenut ma kienx qed iwaqqa' l-bini bl-idejn izda kien qed juza gaffa u, kif spjega l-Inginier Joe Agius:

"meta ssoqfa gew ippressati, il-knaten sparaw la genba u tant li sibna knaten sa nofs it-triq. Meta sparaw il-knaten

laqtu cables taghna u b'hekk sehhet il-hsara. Il-cables anke gew mirdumin mill-gebel li waqa`."

Dan ma kienx xi incident zghir izda jidher illi waqt ix-xoghol ta' twaqqiegh kien hemm dahna shiha tant illi l-haddiema kellhom jistennew li titlaq din id-dahna biex jaraw ezattament x'kien gara. Certament il-konvenut ma kienx qed jahdem bil-galbu u m'hu sorprendenti xejn li gara l-incident in kwistjoni.

It-Tribunal m'ghandu l-ebda ezitazzjoni biex jikkonkludi illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni subiti u dan kwantu ghall-kumpanija stante li hi kienet inkarigata biex taghmel ix-xoghlijiet in kwistjoni u kwantu ghall-konvenut billi huwa stess iffirma d-dikjarazzjoni fuq imsemmija u accetta li jaghmel tajjeb personalment ghad-danni.

Ghar-rigward tal-quantum dawn jirrizultaw debitament pprovati kemm mix-xhieda u kif ukoll mid-dokumenti esebiti u in oltre jirrizultaw ragonevoli u gustifikati ghalhekk it-talba kif dedotta tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-incident in kwistjoni u konsegwentement jikkundannhom solidarjament bejniethom sabiex ihallsu lis-socjetà attrici s-somma ta' sitt mija u disgha u hamsin euro u tnejn u erbghin centezmu (€659.42) – (Lm283.09). Bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

Dr Peter Borg Costanzi
Aggudikatur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------